MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 81/1989/1

**Ġiuseppa mart Anġelo Camilleri, u b’nota tal-31 ta’ Awwissu 1990, Raymond Camilleri assuma l-atti tal-kawża bħala mandatarju tal-attriċi Ġiuseppa Camilleri; u b’digriet tat-3 ta’ Marzu 2005 il-ġudizzju ġie trasfuż f’isem Michael, Evanġelista sive Vanny mart Alfred Hili f’isimha u f'isem ħuha David u b’digriet tas-6 ta’ Diċembru 2010 stante l-mewt ta’ Evanġelista Hili, l-atti ġew trasfużi f’isem Joseph Hili, Thomas Hili u Anthony Hili, Joseph, Loreta mart Salvu Camilleri; Peter Paul u b’digriet tas-6 ta’ Diċembru 2010 stante l-mewt ta’ Peter Paul Camilleri, l-atti ġew trasfużi f’isem Maria Assunta Azzopardi u John Bugeja; Carmen sive Carrie mart John Vella; Maria Assunta sive Sunta mart Vigo Azzopardi; Reverendu Dun Dumink f’ismu u**

**bħala mandatarju ta' Suor Angela fis-seklu Margaret; Raymond; Anton f'ismu u bħala mandatarju ta' ħuh Eugene u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2010 stante l-mewt ta' Anton Camilleri fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju minn fuq ismu ġie trasfuż f'isem l-armla tiegħu Maria Carmela sive Marlene Camilleri u ż-żewġ uliedu Clint Camilleri u Francesca Camilleri; u b'Nota tat-13 ta' Settembru 2010 Dun Dumink Camilleri ddikjara li ser jirrapreżenta lil ħuh imsiefer Eugenio Camilleri u Anna Maria mart Teddie Busuttil aħwa Camilleri**

**v.**

**Maria mart Francis Debrincat u Angela mart Paul Cefai**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Permezz tal-appell tagħha datat 9 ta' Lulju 2008, il-konvenuta Maria Debrincat talbet lil din il-Qorti biex:

(1) tvarja s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, nhar id-19 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tat-tielet kap tas-sentenza billi tiddividi l-assi tal-mejjet Michael Muscat li għadhom in komun bejn il-kontendenti b'tali mod li r-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" tiġi assenjata fl-intier tagħha lill-istess konvenuta u dan b'ekwiparazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna din il-Qorti liż-żewġ eredi rimanenti; jew

(2) alternattivament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tvarja s-sentenza fir-rigward tat-tielet kap billi tagħti kumpens xieraq tax-xogħlijiet reżi mill-istess konvenuta appellanta Maria Debrincat fir-raba magħrufa bħala "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" limiti tan-Nadur, Għawdex.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

“Illi Michael Muscat miet fil-wieħed u tletin (31) ta’ Awissu elf disa’ mija tmienja u sebgħin (1978), mentri Loreta Muscat mietet fit-tnejn (2) ta’ Ottubru elf disa’ mija disgħa u sittin (1969); u dawn irregolaw is-suċċessjoni tagħhom bis-saħħa ta’ testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-erbgħa u għoxrin (24) ta’ Awissu elf disa’ mija ħamsa u sittin (1965) in atti Nutar Giuseppi Cauchi;

“Illi Michael Muscat u Loreta Muscat imsemmija jiġu l-ġenituri tat-tlett kontendenti , u ħallew jissopravivuhom lill-istess tlett kontendenti, illi nnominawhom eredi tagħhom fi kwoti ugwali bejniethom;

“Illi għad fadal xi beni provenjenti lit-tlett kontendenti mill-wirt u suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom illi għadhom ma ġewx diviżi bejn il-kontendenti fost liema raba hemm ir-raba msejjaħ “Ta’ San Blas”, ir-raba msejjah “Tar-Ramla”, dak “tal-Konfetterija” ossia “Taż-Żarmuġ”, biċċa oħra “Tax-Xemmiex”, oħra “ta’ Binġemma” jew “ta’ Triq ta’ Wistin”, u dak “ta’ Taħt il-Fawwara” illi lkoll qiegħed fil-limiti tan-Nadur, Gozo.

“Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandiex din il-Qorti:

“1. Tillikwida l-assi tas-suċċessjoni ta’ Michael Muscat illi għadhom in komun bewjn it-tlett kontendenti billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk il-beni illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“2. tillikwida l-assi tas-suċċessjoni ta’ Loreta Muscat illi għadhom in komun bejn it-tlett kontendenti billi tiddikjara li jikkonsistu f’dawk il-beni illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“3. tiddividi l-istess assi ta’ Michael u Loreta Muscat fi tlett porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati bix-xorti waħda illi attriċi Giuseppa Camilleri, oħra lil Angela Cefai, u oħra lil Maria Debrincat;

"4. tinnomina Nutar pubbliku u tiffissa l-jum, ħin u lok illi fihom għandu jiġi pubblikat l-att pubbliku ta' diviżjoni opportun, u taħtar kuratur biex jidher għall-eventwali kiontumaċi fuq dan l-atti.

"Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Ġunju 1989 kontra l-konvenuti.

"Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

"1. Il-preskrizzjoni trentennali u dana peress illi r-raba oġġett tal-kawża kien inqasam bix-xorti, pero' qabel il-mewt tal-ġenituri, Michael u Loreta konjuġi Muscat, u mingħajr ma kien sar xi kuntratt pubbliku;

"2. illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-istess ċitazzjoni hija irrita, monka u nulla u dana peress illi diġa' kien hemm diviżjoni parzjali tal-assi ereditarji tal-mejtin, Michael u Loreta konjuġi Muscat u għalhekk it-talbiet fiċ-ċitazzjoni ma kellhomx ikunu fis-sens li jiġu likwidati l-assi ereditarji tal-mejtin konjuġi Muscat, imma li l-porzjonijiet art jew raba li għadhom ma inqasmux, jiġu diviżi bejn il-kontendenti;

"3. illi fil-mertu wkoll u mingħajr preġudizzju għall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, huma jaqblu li ssir l-istess diviżjoni, purche' l-ewwel jiġu verifikiati sewwa l-kwoti u l-konsistenza tal-assi;

"4. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Angela Cefai.

“Rat id-digriet tagħha tas-19 ta' Ottubru 1989 fejn ġie nominat l-avukat dottor Grazio Mercieca bħala perit legali u l-A.I.C. Emanuel Vella bħala perit tekniku.

“Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 1993 fejn l-A.I.C. Emanuel Vella ġie sostitwit bl-A.I.C. Carmelo Borg fl-istess inkarigu.

“Rat ir-rapport ta' l-esperti minnha nominati ppreżentat fit-12 ta' April 1994 u maħluf mill-perit legali fit-3 ta' April 1995 u mill-perit tekniku fit-13 ta' Gunju 2007.

“Rat ir-rapport addizzjonali tal-perit tekniku ppreżentat fit-13 ta' Gunju 2007 u minnu maħluf fl-istess ġurnata.

“Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' Mejju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta' din il-kawża l-attrici (llum mejta) talbet il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħha li kienu għadhom ipposseduti in komun bejn il-kontendenti.

“Il-konvenuti eċċepew preliminarjament in-nullita' taċ-ċitazzjoni, peress li diġa kien hemm diviżjoni parzjali u għalhekk it-talbiet ma kellhomx ikunu għal-likwidazzjoni u qsim ta' l-istess assi ereditarji, imma li l-porzjonijiet mhux maqsuma jiġu diviżi. Intqal f'dan ir-rigward illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [1] Kif sewwa qal il-

[1] Appell : Guido J.Vella A.CE vs Dr. Emanuel Cefai Ll.D.: 4.11.1991 vol. LXXV. II. 474

perit legali fir-rapport tiegħu: "…*din l-eċċezzjoni ma treġix minħabba li (i) l-attur esprima ruħu b'mod ċarissimu x'qiegħed jitlob u l-liġi, kif interpretata mill-ġurisprudenza kostanti, ma titlob ebda forma partikolari ta' kliem biex tiġi mpustata t-talba u (ii) fi kwalunkwe każ, fil-fatt l-attur kien korrett u loġiku fil-formulazzjoni tat-talba tiegħu in eżami."* [2] Tant hu hekk illi jingħad mill-ewwel fiċ-ċitazzjoni li qed tintalab biss id-diviżjoni ta' l-assi tal-konjuġi Muscat "*li għadhom in komun bejn it-tliet kontendenti.*" Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

"Eċċezzjoni oħra tirrigwarda l-preskrizzjoni trentennali. Imma kif qal a propożitu l-perit legali, din "*għandha valur iktar akkademiku milli prattiku, peress li effettivament kull parti in kawża okkupat xi art u l-periti ġudizzjarji huma tal-fehma li jkun għaqli li jiġi preservat l-istatus quo billi kull parti jiġu assenjati lilha artijiet li jinkludu l-art minnha okkupata*." [3] Barra minn hekk l-istess konvenuti jidher li rrinunzjaw għal din l-eċċezzjoni, billi fil-mertu qablu li ssir din id-diviżjoni, u fil-mori tal-kawża qatt ma ressqu ebda prova f'dan ir-rigward. Din l-eċċezzjoni ukoll qed tiġi għalhekk miċħuda.

"Fil-mertu imbagħad irriżulta illi permezz tat-testment *unica carta* li kien sar mill-ġenituri tal-kontendenti fl-24 ta' Awissu 1965,[4] it-testatur kien ħalla b'titolu ta' legat lil bintu l-konvenuta Angela mart Pawlu Cefai il-lok residenzjali tagħhom, bl-obbligu fiha legatarja illi fl-okkażjoni tal-qasma tal-wirt tat-testaturi tressaq għal qasma għal darba biss is-somma ta' elf lira sterlina bħala valur tal-oġġett hekk lilha legat. Jidher illi dawn il-flus għadhom ma tqassmux bejn il-werrieta. Imbagħad it-testatur istitwixxa lit-tliet uliedu, kontendenti f'din il-kawża, bħala eredi universali tiegħu, u t-testatriċi istitwiet bħala werrieta tagħha lill-istess kontendenti, flimkien mat-tfal ta' binha ieħor premorient li kellha minn żwieg preċedenti. Imma rriżulta li l-assi li għadhom in diviżjoni huma kollha provenjenti mill-wirt ta' Michael Muscat, u għalhekk dawn iridu jinqasmu biss bejn it-tliet kontendenti f'din il-kawża.

---

[2] ara rapport peritali a fol. 68 para. 1
[3] ibid para.2
[4] Atti Nutar Dottor Giuseppe Cauch : Dok. C a fol. 8 9 tal-process .

"L-assi tal-mejjet Michael Muscat, li għadhom in diviżjoni ġew stabiliti mill-esperti nominati mill-Qorti,[5] li kienu jikkonsistu fir-raba' segwenti li kollha tinsab fil-limiti tan-Nadur:

"1. porzjon raba' fil-kuntrada "tal-Konfettier", magħruf ukoll bħala "taż-Żarmuġ" tal-kejl komplessiv ta' 2381.7 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta esebita bħala "Dok. CB 1" a fol. 73 tal-proċess; tal-valur komplessiv ta' Lm1260;

"2. porzjon raba' fil-kuntrada "tax-Xemmiex" tal-kejl ta' xi 375 metri kwadri, ndikata fuq il-pjanta esebita bħala Dok. CB 10 a fol. 82 tal-proċess; tal-valur ta' Lm200;

"3. porzjon raba' fil-kuntrada "ta' San Blas" tal-kejl komplessiv ta' 1028.87 metri kwadri ndikata fuq il-pjanta Dok. F a fol. 227 tal-proċess; ma ngħatax valur ta' din ir-raba u jidher biss li preżentement qed tinħadem mill-kondividenti;

"4. porzjon raba' magħrufa "ta' Sopu" sive "ta' taħt il-Fawwara" tal-kejl ta' xi 219.4 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 4 a fol. 76 tal-proċess; tal-valur ta' Lm117;

"5. porzjon raba' magħrufa "ta' Bingemma" sive "tat-Telgħa ta' Wistin" tal-kejl ta' xi 178.5 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 7 a fol. 79 tal-proċess; tal-valur ta' LM95;

"6. porzjon raba' magħrufa "tar-Ramla" tal-kejl ta' xi 414.5 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 13 a fol. 85 tal-proċess.

"7. Somma ta' elf lira maltija, (Lm1000) li l-legatarja Angela Cefai kellha tressaq għall-qasma in konsiderazzjoni tal-valur ta' l-istess legat; il-Qorti taqbel

[5] ara rapport tal-perit Carmelo Borg a fol. 225 - 226 tal-process.

ma' dak li qalet il-konvenuta Maria Debrincat fin-Nota ta' kritika għar-rapport peritali ta' Dottor Mercieca, fis-sens illi, minkejja li fit-testment tal-konjuġi Muscat tissemma s-somma ta' "*elf lira sterlina*", irid jittieħed in konsderazzjoni illi meta ġie redatt dak it-testment fis-sena 1965, il-valuta legali f'pajjiżna kienet għadha l-lira sterlina, u għahekk t-testaturi ma setgħax kellhom f'moħħhom xi munita barranija.

"Il-perit tekniku fir-rapport tiegħu tat-3 ta' Mejju 2007[6] qassam dawn il-beni mmobbli bejn il-kondividenti, skond kif dawn kienu jinsabu pposeduti mill-istess kondividenti rispettivament, u jidher illi kellu l-kunsens ta' l-istess kondividenti kollha sabiex jagħmel dan.

"Għalhekk l-assenjazzjoni trid issir bil-mod segwenti:

"1. lill-ulied il-mejta Giuseppa Camilleri bejniethom imisshom:

"(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" tal-kejl ta' xi 793.9 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bin-numru wieħed (1) fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

"(b) ir-raba "tax-Xemmiex" tal-valur ta' Lm200;

"(c) parti mir-raba "ta' San Blas" immarkata bl-ittra C fuq il-pjanta Dok. F;

"tal-valur totali ta' Lm620

"2. Lil Angela Cefai imissha:

"(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" ta-kejl ta' xi 793.9 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bin-numru 3 fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

---

6 ara rapport a fol. 225 – 226 .

“(b) ir-raba "ta' Sopu" tal-kejl ta' xi 219.4 metri kwadri, tal-valur ta' Lm117;

“(c) ir-raba "ta' Binġemma" sive "tat-Telgħa ta' Wistin" tal-kejl ta' xi 178.5 metri kwadri, tal-valur ta' Lm95; u

“(d) parti mir-raba "ta' San Blas" tal-kejl ta' xi 225 metri kwadri, u ċioe' dik indikata bl-ittra B fuq il-pjanta "Dok. F";

“tal-valur totali ta' : Lm632

“3. Lil Maria Debrincat imissha:

“(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" tal-kejl ta' 793.9 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bin-numru 2 fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

“(b) ir-raba "tar-Ramla" tal-kejl ta' xi 414.5 metri kwadri, tal-valur ta' Lm220; u

“(c) parti ir-raba "ta' San Blas" tal-kejl ta' xi 232.37 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bl-ittra A fuq il-pjanta Dok. F;

“tal-valur totali ta' Lm640

“Peress illi hemm differenza żgħira fil-valur tal-beni li ser jiġi assenjat lill-kondividenti, trid issir ekwiparazzjoni, billi Maria Debrincat tgħaddi: Lm9.33 lill-aħwa Camilleri, u Angela Cefai tgħaddi Lm2 lill-istess aħwa Camilleri.

“Angela Cefai, in konsiderazzjoni tal-valur tal-legat lilha mħolli mill-ġenituri tagħha, trid tgħaddi wkoll Lm333.33 lill-aħwa Camilleri bejniethom, u somma ekwivalenti lill-oħtha Maria Debrincat.
Għal dwan il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

“1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-beni formanti s-suċċessjoni ta' Michael Muscat li għadhom in komun bejn it-tliet kontendenti huma:

“(a) porzjon raba fil-kuntrada "tal-Konfettier", magħruf ukoll bħala "taż-Żarmuġ" tal-kejl komplessiv ta' 2381.7 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta esebita bħala "Dok. CB 1" a fol. 73 tal-proċess; tal-valur komplessiv ta' Lm1260;

“(b) porzjon raba fil-kuntrada "tax-Xemmiex" tal-kejl ta' xi 375 metri kwadri, ndikata fuq il-pjanta esebita bħala Dok. CB 10 a fol. 82 tal-proċess; tal-valur ta' Lm200;

“(c) porzjon raba fil-kuntrada "ta' San Blas" tal-kejl komplessiv ta' 1028.87 metri kwadri ndikata fuq il-pjanta Dok. F a fol. 227 tal-proċess; ma ngħatax valur ta' din ir-raba u jidher biss li preżentement qed tinħadem mill-kondividenti;

“(d) porzjon raba magħrufa "ta' Sopu" sive "ta' taħt il-Fawwara" tal-kejl ta' xi 219.4 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 4 a fol. 76 tal-proċess; tal-valur ta' Lm117;

“(e) porzjon raba magħrufa "ta' Binġemma" sive "tat-Telgħa ta' Wistin" tal-kejl ta' xi 178.5 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 7 a fol. 79 tal-proċess; tal-valur ta' LM95;

“(f) porzjon raba magħrufa "tar-Ramla" tal-kejl ta' xi 414.5 metri kwadri, indikata fuq il-pjanta Dok. CB 13 a fol. 85 tal-proċess;

“(g) Somma ta' elf lira maltija, (Lm1000) li l-legatarja Angela Cefai kellha tressaq għall-qasma in konsiderazzjoni tal-valur ta' l-istess legat;

“2. tilqa' t-tieni talba, imma tiddikjara li m'hemm l-ebda assi fis-suċċessjoni ta' Loreta Muscat;

“3. tilqa' t-tielet talba u tiddividi l-assi tal-mejjet Michael Muscat li għadhom in komun bejn il-kontendenti bil-mod segwenti:

“(1) lill-ulied il-mejta Giuseppa Camilleri bejniethom imisshom:

“(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" tal-kejl ta' xi 793.9 metri kwadri, u cioe' dik immarkata bin-numru wieħed (1) fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

“(b) ir-raba "tax-Xemmiex" tal-valur ta' Lm200;

“(c) parti mir-raba "ta' San Blas" immarkata bl-ittra C fuq il-pjanta Dok. F; tal-valur totali ta' Lm620;

“(2) Lil Angela Cefai imissha:

“(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" ta-kejl ta' xi 793.9 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bin-numru 3 fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

“(b) ir-raba "ta' Sopu" tal-kejl ta' xi 219.4 metri kwadri, tal-valur ta' Lm117;

“(c) ir-raba "ta' Binġemma" sive "tat-Telgħa ta' Wistin" tal-kejl ta' xi 178.5 metri kwadri, tal-valur ta' Lm95; u

“(d) parti mir-raba "ta' San Blas" tal-kejl ta' xi 225 metri kwadri, u ċioe' dik indikata bl-ittra B fuq il-pjanta "Dok. F"; tal-valur totali ta' : Lm632;

“(3) Lil Maria Debrincat imissha:

“(a) parti mir-raba "tal-Konfettier" jew "taż-Żarmuġ" tal-kejl ta' 793.9 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bin-numru 2 fuq il-pjanta Dok. CB 1, tal-valur ta' Lm420;

“(b) ir-raba "tar-Ramla" tal-kejl ta' xi 414.5 metri kwadri, tal-valur ta' Lm220; u

“(c) parti ir-raba "ta' San Blas" tal-kejl ta' xi 232.37 metri kwadri, u ċioe' dik immarkata bl-ittra A fuq il-pjanta Dok. F;

“tal-valur totali ta' Lm640

“Peress illi hemm differenza żgħira fil-valur tal-beni li ġew assenjati lill-kondividenti, trid issir ekwiparazzjoni, billi Maria Debrincat tgħaddi : Lm9.33 lill-aħwa Camilleri, u Angela Cefai tgħaddi Lm2 lill-istess aħwa Camilleri.

“Angela Cefai, in konsiderazzjoni tal-valur tal-legat lilha mħolli mill-ġenituri tagħha, trid tgħaddi wkoll Lm333.33 lill-aħwa Camilleri bejniethom, u somma ekwivalenti lill-oħtha Maria Debrincat.

“4. Għall-fini tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' diviżjoni opportun, tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani, li għandu jippubblika l-istess att nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 2008 fl-uffiċċju tiegħu fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) u bħala kuratur tal-kontumaċi taħtar lil-avukat Dottor Joseph Grech.

“L-ispejjeż, billi din hija kawża għad-diviżjoni ta' assi ereditarji, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti.”

**Rikors tal-appell tal-konvenuta Maria Debrincat:**

Il-konvenuta Maria Debrincat ħasset ruħha aggravata bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk interponiet appell minnha.

L-appellanta ssostni li jirriżulta biċ-ċar li hija kienet tokkupa l-art “tal-Konfettier” u hi u żewġha għamlu ħafna xogħlijiet fuq din il-porzjon raba. Għalhekk tħoss li l-ewwel Qorti kellha l-obbligu li tqis il-pożizzjoni tagħha u tagħtiha preferenza fuq din l-għalqa u fin-nuqqas kellha tieħu

ekwiparazzjoni xierqa ta' benefikati li għamlet fuq l-art li jikkomprendu imqajjel, siġar tal-larinġ, u bir. Hija tirreferi għall-Artikoli 492 u 493 tal-Kodiċi Ċivili u ssostni li dawn huma pertinenti fil-każ in eżami. Tgħid ukoll li hu rikonoxxut li f'qasma ta' proprjeta` ordnata mill-Qorti mhux meħtieġ li kull sehem ikun ugwali.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuta Angela Cefai:</u>**

Il-konvenuta Angela Cefai fl-ewwel lok tissottometti li dan l-appell huwa irritu u null billi ma ġewx notifikati l-atturi.

Fit-tieni lok tirrileva li kif jirriżulta mill-atti, il-porzjonijiet tar-raba li ġew assenjati bis-sentenza appellata kienu diġa` *de facto* maqsumin għal żmien twil bejn il-kollitiganti. Fir-rigward tar-raba "tal-Konfittier", l-appellata Angela Cefai tispjega li l-appellanti Maria Debrincat kienet qegħdha tużaha bit-tolleranza tagħha. Hija ma tarax lok li Maria Debrincat tiġi assenjata l-art tagħha.

Fir-rigward tal-benefikati *de quo* l-appellata targumenta li l-Artikolu 493 mhux rilevanti u tissottometti li l-Artikolu 492 ma japplikax peress li x-xogħlijiet li għamlet Maria Debrincat ma kienux meħtieġa biex tiġi preservata l-proprjeta` komuni. Tkompli tgħid li Debrincat ġiet aktar milli ampjament ikkumpensata għal dawn ix-xogħlijiet permezz tal-użu bla ħlas tal-art tagħha (Angela Cefai) u għalhekk ma tarax li hu l-każ li tingħata kumpens.

Il-konvenuta appellata Angela Cefai tħoss li s-sentenza appellata hija fil-mertu ekwa u ġusta u jistħoqqilha li tiġi kkonfermata salv il-varjazzjoni li ser titlob fil-kontro-talba (sic).

**<u>Appell Inċidentali ta' Angela Cefai:</u>**

L-appellata Angela Cefai qegħdha tinterponi appell inċidentali mis-sentenza peress li ħasset ruħha aggravata mill-kap tad-deċiżjoni li kkundannatha tagħti lill-kollitiganti l-oħra inkonsiderazzjoni tal-valur tal-legat lilha mħolli mill-ġenituri tagħha Lm333.33 lill-aħwa Camilleri bejniethom, u somma ekwivalenti lil oħtha Maria Debrincat.

Hija ssostni li l-ebda ammont ma hu dovut għaliex bis-saħħa ta’ kuntratt datat 14 ta’ Ottubru 1982, fl-atti tan-Nutar Emanuel Cefai, li permezz tiegħu d-dar bin-numri 127 u 128, Triq San Blas, Nadur, ġiet assenjata lil Angela u Paul Cefai, il-partijiet qablu li fid-diviżjoni ta’ bejniethom jiddevjaw mit-testment tal-ġenituri tagħhom fid-diviżjoni parzjali li kienu qegħdin jagħmlu.  L-appellata taċċenna partikolarment għal dik il-parti tal-ftehim fejn il-partijiet stipulaw li kwalsiasi beni mhux imsemmija fid-diviżjoni pero` appartenenti lill-assi tal-konjuġi Muscat għandhom jiġu ritenuti bħala in komun bejn il-werrieta kollha fi kwoti ugwali.

L-appellata Angela Cefai għalhekk titlob li din il-Qorti tirriġetta l-appell prinċipali bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi u tirriformaha billi tħassar il-kap tad-deċiżjoni appellata li permezz tiegħu ġiet ikkundannata tagħti lill-kollitiganti l-oħra in konsiderazzjoni tal-valur tal-legat lilha mħolli mill-ġenituri tagħha Lm333.33 lill-aħwa Camilleri bejniethom u somma ekwivalenti lil Maria Debrincat.  Titlob ukoll li l-ispejjeż kemm tal-appell prinċipali kif ukoll tal-appell inċidentali jiġu sofferti mill-appellanti Maria Debrincat.

**<u>Risposta tal-atturi Loreta mart Salvu Camilleri, Carmen mart John Vella, Rev. Dun Dumink f’ismu u bħala mandatarju ta’ Suor Angela fis-seklu Margaret, Raymond, Anton f’ismu u bħala mandatarju ta’ ħuh Eugene, u Anna Maria mart Teddie Busuttil aħwa Camilleri, u Daniel Camilleri u Denise Galea, għall-appell inċidentali intavolat minn Angela Cefai:</u>**

Fl-ewwel lok l-appellati jirrilevaw li għadhom sal-lum ma ġewx innotifikati bl-appell prinċipali, u fir-rigward tiegħu huma jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom.

Fir-rigward l-appell inċidentali ta’ Angela Cefai huma mhux qegħdin jinsistu li din Angela Cefai tħallas l-ekwiparazzjoni stabbilita mill-ewwel Qorti u jispjegaw li dan kienu ddikjarawh meta Cefai intavolat l-att relattiv l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti wara li ġiet ippronunzjata s-sentenza.  Huma jinsistu pero` li m’għandhomx iħallsu spejjeż ta’ dan l-appell peress li

Cefai kellha kull opportunita` li tavvanza din il-pretenzjoni tagħha li mhux dovuta ekwiparazzjoni, u mhux għall-kuntrarju ġġib din il-pretenzjoni ’l quddiem biss wara li ngħatat is-sentenza.

**Risposta tal-atturi Joseph, Michael, Maria Assunta mart Ludovigo Azzopardi aħwa Camilleri, Alfred Hili bħala mandatarju ta’ David Camilleri, Joseph, Thomas u Anthony aħwa Hili bħala eredi tal-mejta Evanġelista mart Alfred Hili, Maria Assunta mart Ludovigo Azzopardi u John Bugeja bħala eredi ta’ Peter Paul Camilleri (u mhux kif erronjament tniżżlu Daniel Camilleri u Denise Galea) għall-appell inċidentali intavolat minn Angela Cefai:**

Fl-ewwel lok, l-appellati jirrilevaw li għadhom sal-lum ma ġewx innotifikati bl-appell prinċipali, u fir-rigward tiegħu huma jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom.

Fir-rigward l-appell inċidentali ta’ Angela Cefai huma mhux qegħdin jinsistu li din Angela Cefai tħallas l-ekwiparazzjoni stabbilita mill-ewwel Qorti u jispjegaw li dan kienu ddikjarawh meta Cefai ntavolat fir-rikors relattiv l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti wara li ġiet ippronunzjata s-sentenza. Huma jinsistu pero` li m’għandhomx iħallsu spejjeż ta’ dan l-appell peress li Cefai kellha kull opportunita` li tavvanza din il-pretenzjoni tagħha li mhux dovuta ekwiparazzjoni, u mhux għall-kuntrarju ġġib din il-pretenzjoni ’l quddiem biss wara li ngħatat is-sentenza.

**Risposta ta’ Anthony Camilleri, Reverendu Dumink Camilleri, Loreta armla ta’ Salvu Camilleri , Carmen mart John Vella, Anna Maria mart il-perit Teddie Busuttil, Raymond Camilleri u Anton Camilleri kemm f’ismu kif ukoll għan-nom tal-imsiefer Eugene Camilleri, Joseph, Micahel, Maria Assunta mart Ludovigo Azzopardi aħwa Camilleri; Alfred Hili bħala mandatarju ta’ David Camilleri; Joseph, Thomas u Anthony aħwa Hili bħala eredi ta’ Evanġelista mart Alfred Hili; Maria Assunta mart Ludovigo Azzopardi u**

**John Bugeja bħala eredi ta' Peter Paul Camilleri għall-appell tal-konvenuta Maria Debrincat:**

L-appellati jsostnu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma prevja ċ-ċaħda tal-appell odjern bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellanti.

Huma josservaw li mhux ċar jekk l-appellanti hix tilmenta dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u jsostnu li jekk dan hu l-każ m'għandhiex raġun għaliex l-ebda waħda mit-tlett aħwa Muscat ma kienet okkupat il-proprjeta` tal-ġenituri tagħhom esklussivament *animo domini*, u b'esklużjoni tad-drittijiet ta' ħutha. Isostnu li kull waħda mill-aħwa Muscat kienet tokkupa dik l-art bħala komproprjetarja jew ko-eredi fl-assi ereditarji tal-ġenituri. Fil-fehma tagħhom ma jirriżultax li l-pussess vantat mill-konvenuta Maria Debrincat kien jirrivesti fih innisfu l-elementi neċessarji biex tkun tista' tiġi radikata l-preskrizzjoni akkwiżittiva favur tagħha.

Fir-rigward tal-pretensjoni tal-appellanti li għaliex hija għamlet xogħlijiet fuq il-proprjeta` mingħajr oppożizzjoni da parti tal-partijiet l-oħra għalhekk kellu jkollha l-ewwel preferenza fuq l-għalqa u fin-nuqqas kellha tieħu l-ekwiparazzjoni xierqa fir-rigward tal-benefikati li għamlet, l-appellati jinsistu li dan huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt. Fl-ewwel lok jissottomettu li ma jirriżultax li hija fil-fatt wettqet xi benefikati simili. Imbagħad jargumentaw illi anke jekk għall-grazzja tal-argument biss kellu jirriżulta li twettqu tali benefikati, dan ma jagħtix lil min ikun għamel il-benefikati xi "preferenza". Fir-rigward tal-Artikoli 492 u 493 ċitati mill-appellanti, l-appellati jsostnu li dawn ma jagħtu l-ebda sostenn lill-pretensjoni tagħha.

Fir-rigward tal-"investiment" li l-appellanti tgħid li hija għamlet fir-raba in diviżjoni, l-appellati jissottomettu li dan l-investiment ma jirriżultax mill-atti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-appell prinċipali tal-konvenuta Maria Debrincat:**

Qabel ma tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti Maria Debrincat, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ewwel

punt sollevat fir-risposta tal-appell ta’ Angela Cefai u cioe` li “*l-appell huwa irritu u null billi ma ġewx notifikati l-atturi”*. Fil-fatt fuq in-naħa t’isfel tar-rikors tal-appell hemm indikata biss Angela Cefai bħala persuna li għandha tiġi notifikata bl-appell, u jirriżulta li l-ewwel darba li l-atturi saru jafu bl-appell odjern kien proprju meta ġew notifikati bir-risposta tal-appell ta’ Angela Cefai.

Il-fatt li l-atturi ma ġewx indikati fuq in-naħa t’isfel tar-rikors tal-appell, huwa nuqqas, iżda ċertament li mhux nuqqas tali li jirrendi l-istess appell null. Mhuwiex xi partikolarita` essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi għall-validita` tal-att ġudizzjarju in kwistjoni. L-allegazzjoni tan-nullita` da parti tal-appellata Angela Cefai għalhekk ma treġix.

Fi kwalunkwe każ jirriżulta li l-atturi ġew notifikati bl-appell fil-mori tal-kawża u fil-fatt wieġbu għall-appell permezz ta’ risposta ppreżentata fit-18 ta’ Mejju 2009 u għalhekk il-proċedura ġiet regolarizzata.

**L-aggravji tal-appellanti Maria Debrincat:**

L-appellanti tibda’ biex tilmenta hekk:
“Illi minkejja illi l-perit legali qal illi l-eċċezzjoni rigward il-preskrizzjoni ma jregix (sic) qal ukoll illi:

“’Umilment din l-eċċezzjoni m’hemmx għalfejn tiġi investita għax il-qasma kif suġġerita mill-periti kienet tirrespetta u tikkonsolida l-istat ta’ fatt rigwardanti l-okkupazzjoni ta’ porsjonijiet separati tar-raba mill-partijiet kontendenti, u għalhekk tali eċċezzjoni kellha biss valur akkademiku, mhux prattiku’ ”.

Hija mbagħad fil-paragrafu sussegwenti targumenta li kienet tokkupa l-art “tal-Konfittier” u li flimkien ma’ żewġha għamlet ħafna benefikati fuq l-art, li jikkomprendu mqajjel, siġar tal-larinġ u bir. Ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Qorti għaliex fil-fehma tagħha, tenut kont taċ-ċirkostanzi tagħha, hija kellu jkollha l-ewwel preferenza fuq l-għalqa u fin-nuqqas kellha tieħu “ekwiparazzjoni xierqa” ta’ benefikati li għamlet.

Kif osservaw l-appellati, mill-mod kif ġew redatti l-aggravji tal-appellanti, mhux ċar jekk l-appellanti hix tilmenta dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew sempliċiment qed tilmenta dwar il-fatt li ma ngħatatx preferenza fuq l-għalqa u li fin-nuqqas kellha tieħu "ekwiparazzjoni xierqa" fir-rigward tal-allegati benefikati.

Jekk qed tħossha aggravata fir-rigward taċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel mal-appellati li assolutament ma għandhiex raġun. Din il-Qorti tosserva li fin-nota ta' kritika li l-appellanti kienet ippreżentat fit-12 ta' Jannar 1998[7] fir-rigward tar-relazzjoni tal-perit legali Dr. Grazio Mercieca tat-12 ta' April 1994[8], hija kienet ilmentat li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha fil-fatt tiġi kkunsidrata għaliex hija kienet ilha tokkupa l-art fil-kuntrada "Tal-Konfetterija" għal iktar minn tletin sena b'mod kontinwu, mhux interrott, pubbliku u inekwivoku.

L-istess perit legali kien ippreżenta relazzjoni supplimentari fid-19 ta' Novembru 2004[9] wara li eżamina l-provi ulterjuri u s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, u fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kien spjega li l-partijiet kienu għamlu diviżjoni parzjali bejniethom permezz ta' att tan-Nutar Cefai fl-14 ta' Ottubru 1982[10] u fil-paragrafu penultimu kienu ddikjaraw li "*kwalsiasi beni oħra mobili u immobili mhux imsemmija fil-preżenti diviżjoni pero` appartenenti l-assi tal-konjuġi Muscat fuq imsemmija għandhom ukoll jiġu ritenuti bħala in komun bejn il-werrieta kollha fi kwoti ugwali*." Huwa argumenta li l-kliem ta' din il-klawsola jġib fix-xejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex ir-rekwiżit essenzjali tal-pussess "*animo domini*" huwa mankanti. Il-Qorti tosserva li fuq l-istess ftehim, fl-aħħar paragrafu tat-tieni paġna, issir referenza speċifika għar-raba in kwistjoni, fejn hemm stipulat li r-raba "ta' San Blas", "tar-Ramla", "ta' Sopu" u "tal-Konfittier" "*għandu jibqa' indiviż bejn il-partijiet kif fuq, terz ($^1/_3$) kull wieħed il-konjuġi Cefai, il-konjuġi Camilleri, il-konjuġi Debrincat*". Dan jikkonferma li fis-sena 1982

7 Fol 106 et seq
8 Fol 56 et seq
9 Fol 163 et seq
10 Fol 172 et seq

Maria Debrincat kienet konxja tal-fatt li fir-rigward tar-raba “tal-Konfittier”, dan ma kienx tagħha iżda kellha biss terz indiviż minnu. Għalhekk ċertament li ma kienitx qed tokkupah bħala s-sid.

Skont in-nota tal-eċċezzjonijiet u s-sottomissjonjiet tal-appellanti, dak li kienet qed tippretendi l-istess appellanti ma kienx li tieħu preferenza fuq din l-għalqa, iżda kienet qed tippretendi li l-għalqa effettivament saret tagħha peress li kienet ilha tokkupaha minn Marzu 1959, argument li għar-raġuni fuq spjegata assolutament ma jreġix. Issa fir-rikors tal-appell tagħha l-appellanti qed tgħid li tħossha aggravata bil-fatt li ma ngħatatx preferenza fuq l-art “tal-Konfettier”.

L-appellanti tirreferi għall-Artikolu 504[11] tal-Kodiċi Ċivili u ssostni li din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix li fil-każ li ma tkunx tista’ tiġi segwita *ad litteram* il-beni għandhom jiġu mibjugħa in liċitazzjoni. Hija tispjega li huwa rikonoxxut li f’qasma ta’ proprjeta` ordnata mill-Qorti mhux meħtieġ li kull sehem ikun ugwali u tissottometti li kien ikun iktar siewi kieku r-raba “tal-Konfettier” jiġi assenjat lilha mbagħad hija tħallas <u>ekwiparazzjoni</u> lil ħutha fil-kwoti spettanti lilhom.

Fil-każ in kwistjoni pero` għandu jingħad li ma teżisti l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li tistipula li meta komproprjetarju jippossjedi ħaġa, jew għax għamel xi spejjeż fuq dik il-ħaġa, huwa għandu jkollu dritt ta’ preferenza fuq il-ħaġa. Fl-assenza ta’ provvediment simili, din il-Qorti ma tara xejn irregolari fil-mod ta’ kif ġie diviż ir-raba “tal-Konfittier”, u cioe` li tqassmu fi tliet proporzjonijiet ugwali ta’ 793.9 metri kwadri biex b’hekk kull waħda mill-partijiet ħadet biċċa. Jiġi osservat li r-raba “tal-Konfittier” jew “taż-Żarmug”, b’kejl kumplessiv ta’

[11] **504. “**Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet; u għandu jfittex li jdaħħal f’kull sehem l-istess kwantità ta’ ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti ta’ l-istess xorta u ta’ l-istess valur.”

2381.7 metri kwadri[12], huwa l-iktar biċċa raba kbira mill-biċċiet raba li għadhom ma tqassmux bejn il-partijiet, u l-biċċiet raba l-oħra li kienu għadhom ma tqassmux flimkien jammontaw għall-kejl komplessiv ta' 2216.27 metri kwadri, u cioe` inqas mir-raba "tal-Konfittier" waħdu, u għalhekk biex l-appellanti tieħu r-raba "tal-Konfittier" kollu kien ikun ifisser li ż-żewġ kontendenti l-oħra ma jistgħux jieħdu s-sehem kollu tagħhom tal-beni *in natura*. Rilevanti f'dan ir-rigward huma l-Artikoli 502 u 505 tal-Kodiċi Ċivili li jistipulaw hekk:

**Artikolu 502:**

"*Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura*".

**Artikolu 503:**

*"Id-differenza fid-daqs tal-ishma in natura, meta ma tistax bla xkiel tiġi evitata, titpatta bil-ħlas ta' somma ta' flus f'ammont daqs kemm tkun id-differenza bejn is-sehem akbar u s-sehem iżgħar."*

Fiċ-ċirkostanzi, peress li r-raba seta' jinqasam faċilment fi tliet ishma jsegwi li mhux il-każ li jiġi applikat l-Artikolu 503.

L-appellanti ssostni li fin-nuqqas li r-raba jiġi assenjat lilha, hija kellha tieħu kumpens għall-ispejjeż li għamlet fuqu. Hija tirreferi għall-Artikoli 492 u 493[13] tal-Kodiċi Ċivili u

[12] Porzjon raba fil-kuntrada "tax-Xemmiex" bil-kejl ta' 375mk; porzjon raba fil-kuntrada "ta' San Blas" bil-kejl ta' 1028.87mk; porzjon raba magħruf bħala "ta' Sopu" bil-kejl ta' xi 219.4mk; porzjon raba magħruf bħala "ta' Binġemma" bil-kejl ta' 178.5mk u porzjon raba magħruf bħala "tar-Ramla" bil-kejl ta' 414.5mk.

[13] **492. "**Kull wieħed mill-komproprjetarji jista' jobbliga lill-oħrajn joħorġu sehem miegħu għall-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb, iżda kull wieħed minnhom jista' jeħles minn dan l-obbligu billi jċedi l-jeddijiet tiegħu ta' komunjoni."

**493. "**Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd."

tissottometti li dawn huma pertinenti għall-pretensjonijiet tagħha (għalkemm ma spjegatx kif dawn l-artikoli huma fil-fatt pertinenti għaċ-ċirkostanzi odjerni). Fir-rigward tal-Artikolu 492, ma jirriżultax li l-benefikati kienu neċessarji għall-preżervazzjoni tal-proprjeta` komuni. Fir-rigward tal-Artikolu 493 dan jikkonċerna sitwazzjoni fejn komproprjetarji jkunu qegħdin joġġezzjonaw għal xi tibdil li komproprjetarju minnhom ikun irid jagħmel. Jidher għalhekk li dawn l-artikoli mhumiex rilevanti għall-pretensjonijiet tal-appellanti.

Il-pretensjoni tal-appellanti li fin-nuqqas li tiġi assenjata r-raba "tal-Konfettier" tieħu kumpens għall-benefikati li għamlet, fil-fehma ta' din il-Qorti mhix fondata. Mix-xhieda tal-appellanti Maria Debrincat u ta' żewġha Francesco Debrincat, jirriżulta li fl-1959, wara li żewġha ġie lura mill-Awstralja, kienet saret qasma bil-fomm, mingħajr kitba, u kien inqasam xi raba bix-xorti. Fir-rigward tar-raba in kwistjoni Francesco Debrincat xehed hekk: "*Jiena f'din l-għalqa bnejt razzett tal-bhejjem u ħaffirt bir ġol-blat għall-ilma tal-bjut biex nisqi l-bhejjem u s-siġar tal-larinġ. Jiena għamilt dawn il-benefikati għax jiena kont mingħalija li issa jiena se nibqa' ġo fiha dejjem.*"[14]

Fl-1959 kien mingħalihom li r-raba se tibqa' għandhom, iżda fl-1982, meta l-aħwa Muscat (Maria Debrincat, Giovanna Camilleri u Angela Cefai) u żwieġhom għamlu l-ftehim tad-diviżjoni (li ma kienx jinkludi r-raba "tal-Konfittier") <u>qablu li l-istess raba "tal-Konfittier" kellha tibqa' indiviża u ddikjaraw li kull koppja kellha biss terz minnha</u> (kif diġa` ġie spjegat). Il-konjuġi Debrincat stipulaw proprju hekk nonostante l-benefikati li kienu għamlu fuq ir-raba. Din il-Qorti hija tal-fehma li jekk fl-1982 dawn iddikjaraw li kellhom biss terz mir-raba "tal-Konfittier" messhom għamlu xi riservi fir-rigward tal-benefikati li għamlu. Dwar il-benefikati ma jissemma' xejn fil-ftehim, donnhom kienu kuntenti jirrinunzjaw għalihom, u għalhekk jistona mhux ftit li issa l-appellanti qed tippretendi l-kumpens relattiv.

---

[14] Fol 177

Fir-rigward tal-allegat "investiment" li sar fir-raba "tal-Konfittier", u li allegatament ser jitgawda mill-partijiet l-oħra, din il-konsiderazzjoni tidher li wkoll ma kienitx f'moħħ il-konjuġi Debrincat meta sar il-ftehim tal-1982 u għalhekk din il-Qorti ma tħossx li għandha titqajjem permezz ta' dan l-appell u tiġi ppreżentata bħala aggravju.

L-aggravji tal-appellanti għalhekk jirriżultaw infondati u fil-fehma ta' din il-Qorti l-appell prinċipali ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-appell inċidentali tal-konvenuta Angela Cefai:</u>**

L-appellata Angela Cefai ħassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti kkundannatha tħallas lill-kollitiganti l-oħra in konsiderazzjoni tal-valur tal-legat lilha mħolli mill-ġenituri tagħha Lm333.33 lill-aħwa Camilleri bejniethom, u somma ekwivalenti lil oħtha Maria Debrincat.  Hija tirreferi għall-kuntratt tal-14 ta' Ottubru 1982 fl-atti tan-Nutar Emanuel Cefai li permezz tiegħu d-dar bin-numri 127 u 128, Triq San Blas, Nadur, ġiet assenjata lilha u lil żewgha Paul Cefai, u taċċenna għall-fatt li fl-istess kuntratt ġie pattwit li:

*"Il-partijiet, kif fuq, jiddikjaraw li huma qegħdin jaqsmu u jassenjaw l-assijiet in kwistjoni b'mod kif fuq ingħad bil-kunsens ta' kulħadd u cioe` ta' kull parti legalment interessata u dana nonostanti ta' dak kollu li ġie dispost fit-testment unica carta ta' Mikieli u Loreta konjuġi Muscat fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tal-24 ta' Awwissu 1965*."

L-appellata targumenta li huwa għalhekk ovvju li permezz tal-ftehim tal-14 ta' Ottubru 1982, il-partijiet qablu li jiddevjaw mit-testment tal-ġenituri tagħhom.

Din il-Qorti tosserva li ftit jiem wara li ngħatat is-sentenza, l-istess Angela Cefai kienet fil-fatt ippreżentat rikors fejn talbet lill-Qorti tikkoreġi dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet ordnata tħallas Lm333.33 lill-aħwa Camilleri u somma ekwivalenti lil oħtha Maria Debrincat u minflok tordna li l-

ebda ammont ta’ flus mil-legat imħolli bit-testment tal-1965 ma hu dovut. Maria Debrincat wieġbet u argumentat li t-talba kontenuta fir-rikors ma tinkwadrax ruħha taħt l-Artikolu 825 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li hu mmirat sabiex isiru tibdiliet superfiċjali fis-sentenza u mhux tibdiliet fil-mertu, li jistgħu jiġu mibdula biss permezz ta’ sentenza tal-appell jekk ikun il-każ. Ma jidhirx li dan ir-rikors ġie degretat.

Din il-Qorti rat il-kuntratt tal-1982 li skont l-appellata jikkonferma li ma kellhiex tressaq għall-qasma l-ammont ta’ elf Lira Sterlina bħala valur tal-oġġett hekk lilha legat, kif ordnat mill-ġenituri tagħha fit-testment tagħhom tal-24 ta’ Awwissu 1965. Din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx riferenza għall-verbal tat-8 ta’ Ottubru 2003[15] fejn fost affarijiet oħra ġie mniżżel hekk: “*Rigward l-Lm1,000* (sic) *il-partijiet jaqblu li dawn kienu tħallsu minn Angela Cefai meta kien sar att ta’ qasma parzjali bejn il-partijiet madwar l-1979*.” (sottolinear tal-Qorti). Il-perit legali fil-fatt fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu spjega li s-somma ta’ elf Lira Sterlina (£1,000) kienet diġa` tħallset minn Angela Cefai fl-okkażjoni tad-diviżjoni parzjali u dan kif ivverbalizzaw il-partijiet fil-verbal tat-8 ta’ Ottubru 2003.

Maria Debrincat, minkejja l-oppożizzjoni tagħha għar-rikors ta’ Angela Cefai fuq imsemmi, fl-affidavit tagħha stess[16] tat-23 ta’ Frar 1998 ukoll tikkonferma li Angela Cefai kienet ħallset il-flus: “*Niftakar illi oħti Angela Cefai ħarġet is-somma ta’ elf lira u qasmithom bejn tlieta u għalhekk jiena messni terz ta’ elf lira. Din il-qasma saret għand in-nutar Cefai*.” (Għalkemm jiġi nnutat li fil-ħames paragrafu tan-nota ta’ kritika tagħha[17] tat-12 ta’ Jannar 1998, l-istess Maria Debrincat tinsisti li Angela Cefai għandha tħallas elf Lira Maltin u mhux elf Lira Sterlina, u li l-ammont għandu jinqasam bin-nofs bejnha u bejn l-attrici u mhux bejn it-tlett aħwa!)

Daqsxejn stramba li Angela Cefai qed issostni li m’għandhiex tħallas l-ammont minħabba li skont il-ftehim

[15] Fol 206
[16] Fol 176
[17] Fol 107

tal-1982 il-partijiet ftehmu li jiddevjaw mit-testment tal-ġenituri, meta fil-fatt skont il-verbal jirriżulta li hija kienet effettivament ħallset is-somma. Din il-Qorti ser toqgħod fuq dak li hemm stipulat fil-verbal tat-8 ta' Ottubru 2003 kif ikkonfermat mill-perit legali fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu u kif ukoll korroborat bix-xhieda ta' Maria Debrincat.

Għalhekk l-aggravju tal-appellata jirriżulta fondat (għalkemm mhux għar-raġuni mogħtija minnha).

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali ta' Maria Debrincat, u tilqa' l-appell inċidentali ta' Angela Cefai.

Konsegwentement tikkonferma s-sentenza ħlief għal dak li jirrigwarda l-elf Lira Sterlina li Angela Cefai kellha tressaq għall-qasma in konsiderazzjoni tal-valur tal-legat. Hija fil-fatt m'għandha tħallas l-ebda ammont lill-aħwa Camilleri u lil oħtha Maria Debrincat.

Għall-fini tal-kuntratt tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' diviżjoni, din il-Qorti tordna lin-Nutar Dottor Paul George Pisani (kif nominat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) jippubblika l-istess att nhar is-**Sibt, 26 ta' Marzu 2011 fil-11:00am.** Bħala kuratur tal-kontumaċi għandu jidher Dr. Joseph Grech kif nominat fl-istess sentenza.

L-ispejjeż tal-appell inklużi tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-appellanti Debrincat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------